# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 442/2018**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Andrew Bezzina**

Iben Carmelo, imwieled Pieta' fis-27 ta' Novembru, 1982, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 647582(M)

Illum, 06 ta' Jannar 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Andrew Bezzina quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli nhar it-28 ta' Dicembru 2014 bejn it-8:30 u l-11:00 ta' fil-ghaxija gewwa l-lokalita ta' Santa Venera:

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq il-mobajl phone tal-ghamla 'Samsung' ghad-dannu ta' Merlynn Farrugia u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema hsara hija izjed minn mitejn u hamsin ewro (€250), izda ma tiskorriex elfejn u hames mitt ewro (€2500) u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Merlynn Farrugia hekk skond ma ccertifika Dr. Ryan Camilleri M.D. (Reg. No. 3672) mill-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur tal-artikolu 215 u 221 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor u cioe' lil Merlynn Farrugia tibza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew

il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 221(1) u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fl-20 ta' Settembru 2013 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Imhallef Onor. Dr. Lawrence Quintano LL.D.) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Novembru 2018 fejn il-Qorti filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minnha illiberatu, wara li rat l-artikoli 49, 325(1)(b), 215 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u sabitu hati wkoll tal-addebitu tar-recediva izda biss fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 u kkundannatu ghal sena prigunerija effettiva.

Inkwantu ghar-raba imputazzjoni l-Qorti sabet lill-imputat hati wkoll ta' tali imputazzjoni izda wara li l-Qorti rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, din is-sentenza flimkien mal-atti ghandhom jintbaghtu quddiem il-Qorti ta'l-Appell Kriminali sabiex tiddeciedi l-istess Qorti ghandhiex titratta mal-imputat.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-hati ghal zmien sentejn bil-ghan li jsegwi programm ta' *anger management* u ghal kwalunkwe ghajnuna psikologika.

Inoltre a tenur tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-imputat ihallas lil Merlynn Farrugia l-ammont ta' €370 u dan fi zmien sena.

Inoltre a tenur tal-artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-hati li permezz tieghu taghti effett ghal kull ma hemm fis-sub-iniciz (3) tal-artikolu 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaf-favur ta' Merlynn Farrugia u l-familjari taghha ghal zmien tlett (3) snin liema terminu jibda jiddekorri minn meta l-hati jiskonta s-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Andrew Bezzina minnu pprezentat fis-17 ta' Dicembru 2018 fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti ghal dik li hija sejbien ta' htija izda tirriformaha in kwantu ghal piena u dan billi tinghata piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi.

Rat l-aggravju tal-appellant Andrew Bezzina.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravju ta'l-appellant huwa marbut unikament mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' sena prigunerija billi jqies illi tali piena hija wahda eccessiva fejn l-Ewwel Qorti ma haditx kont tal-fatt illi l-parti leza haffritlu ghall-incident li nqala' u wkoll ghaliex kien tal-fehma illi l-piena kellha tiehu in konsiderazjzoni ukoll it-trapass taz-zmien minn meta gew kommessi r-reati li dwarhom hu gie misjub hati. Appell fuq il-mertu ma hemmx u kwindi din il-

Qorti mhijiex ser tinoltra ruhha f'ezami tal-fattispecje ta' dan il-kaz. Jinghad biss illi l-appellant ghalkemm gie misjub hati ta' offiza hafifa fuq l-persuna tal-parti leza u li kkaguna hsara fit-telefown cellulari taghha, madanakollu ma tistax tinjora l-fatt illi dan kien kaz klassiku ta' vjolenza domestika fejn il-vittma ssubbiet perkossi u theddid minn naha tas-sieheb taghha fil-presenza ta' tifel minuri. Ghal Qorti allura ftit li xejn jiswa l-fatt illi l-vittma haffret lill-appellant ghal dan l-akkadut u dan ghaliex kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata "l-aggressjoni … kienet wahda serja, gravissima u certament inaccettabbli."

Illi l-piena kkontemplata fil-ligi ghar-reat tal-hsara volontarja fit-termini ta'l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali hija dik tal-prigunerija ta' bejn tmien xhur u erbatax-il xahar, bil-piena imbaghad ghar-reat tal-offiza ta' natura hafifa, fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat[1], hija dik tal-prigunerija ta' mhux aktar minn tlett xhur jew tal-multa, biex b'hekk it-terminu ta' sena prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti tqarreb lejn il-minimu.

Dan maghdud madanakollu, issa fi stadju ta' revizjoni, l-Qorti semghet ix-xiehda ta'l-*Correctional Officer* Helenio Galea kif ukoll tal-psikologa Gayle Debono. Minn din ix-xiehda johrog illi l-appellant jinsab prezentement inkarcerat u baqalu sa' Marzu tas-sena 2022 sabiex jigi rilaxxjata mill-Habs. Jidher illi l-appellant qed jaghmel uzu tajjeb taz-zmien ta' inkarcerazzjoni tieghu tant illi dawn iz-zewg xhieda kellhom kummenti posittivi x'jaghmlu dwar l-imgieba tieghu fil-Facilita' minn fejn jirrizulta illi fl-ahhar huwa qieghed ifittex biex jindirizza l-problemi li huwa afflitt minnhom, kemm dik dwar l-abbuz ta' droga kif ukoll illi jikkontrolla l-imgieba aggressiva tieghu. Jidher illi fil-fatt

[1] Piena zdiedet permezz ta'l-Att XIII of 2018 ghal massimu ta' hames snin u imbaghad permezz ta'l-Att XXXII tal-2018 nizzlet ghal sentejn.

sahanistra qieghed jistenna sabiex jigi ammess fi programm residenzjali ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Tispjega il-psikologa Gayle Debono fix-xiehda taghha l-pjan li hemm imfassal ghall-appellant minn gewwa l-habs u dan ghar-rijabilitazzjoni tieghu:

> **" ... imma l-pjan huwa li jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga u li meta jigi lura nghinuh biex isib xoghol waqt li jkun ghadu l-habs biex hu ikollu dak is-support li ghandu bzonn, li qed jahdem u jithallat ma' barra u qed jipprova jirrisetilja imma fl-istess hin gej lura fejn ghandu is-support mehtieg gurnata b'gurnata ghall-affarijiet li jinqalghulu."**

Din ir-rakkomandazzjoni taghti x'tifhem lil din il-Qorti illi huwa fl-interess tal-appellant illi ghal issa jibqa' jiznamm fl-istuttura u r-rutina li jinsab fiha u dan sabiex il-progress tieghu ikompli miexi. Dan ifisser illi l-Qorti ma ghandhiex is-serhan tal-mohh illi l-appellant huwa f'posizzjoni illi meta johrog minn dan l-ambjent fejn ghandu rutina u struttura huwa ma jergax imur lura ghat-triq tad-delinkwenza. Fuq kollox l-fedina penali tieghu titkellem wahedha. L-appellant inghata diversi opportunitajiet mill-qrati sabiex jirriforma ruhu u johrog mit-triq tal-kriminalita' izda kull ordni imposta fuqu fejn giet moghtija sentenza alternattiva ghal dik ta' prigunerija giet minnu miksura meta huwa rega' kkometta aktar reati. Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti probatorji ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghandha tibqa' invarjata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha, bit-termini mfassla mill-Ewwel Qorti kemm ghall-Ordni mahruga taht l-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali kif ukoll ghal hlas tad-danni subiti mill-parti leza fit-termini tal-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum. It-terminu moghti ghall-applikazzjoni tal-Ordni taht l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali ghandu jibda jiddekorri minn meta l-appellant jkun skonta l-piena karcerarja imposta fuqu.

Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin bir-rakkomandazzjoni illi l-appellant ikompli jircievi l-ghajnuna li bhal issa qed jinghata minn gewwa l-Facilita u li jibda jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Edwina Grima
Imhallef